



Heikki Kanninen elett bħala Viċi President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Sussegwentement għat-tibdil parzjali tal-Membri tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea¹ u għall-elezzjoni tal-President ta' din il-qorti², Heikki Kanninen, Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2009, ġie elett bħala Viċi President għall-perijodu bejn is-17 ta' Settembru 2013 u l-31 ta' Awwissu 2016.

Il-pożizzjoni ta' Viċi President tal-Qorti Ġenerali hija prevista mill-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif l-aħħar emendat f'Awwissu 2012³. Il-kompitu tal-Viċi President huwa li jassisti lill-President fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu u li jissostitwixxi fil-każ ta' impediment jew fil-każ li l-presidenza tkun vakanti. Heikki Kanninen ser ikun l-ewwel Imħallef li ser jeżerċita l-funzjonijiet ta' Viċi President tal-Qorti Ġenerali.

Heikki Kanninen

Imwieled fl-1952; lawreat mill-Iskola tal-Istudji Kummerċjali Għolja ta' Helsinki u mill-Fakultà tal-Liġi ta' Helsinki; Référendaire mal-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Finlandja; Segretarju Ġenerali tal-Kumitat dwar ir-riforma tal-protezzjoni legali fl-amministrazzjoni pubblika; Amministratur Prinċipali mal-Qorti Amministrattiva Suprema; Segretarju Ġenerali tal-Kumitat dwar ir-riforma tal-proċedimenti amministrattivi, Konsulent mad-Direttorat tal-Leġiżlazzjoni fil-Ministeru tal-Ġustizzja; Deputat Reġistratur fil-Qorti tal-EFTA; Référendaire mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej; Imħallef fil-Qorti Amministrattiva Suprema (1998-2005); Membru tal-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati; Viċi-President tal-Kumitat dwar l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji Finlandiżi; Imħallef fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mis-6 ta' Ottubru 2005 sas-6 ta' Ottubru 2009; Imħallef fil-Qorti Ġenerali mis-7 ta' Ottubru 2009; Viċi President tal-Qorti Ġenerali mis-17 ta' Settembru 2013.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

¹ Ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru [109/13](#).

² Ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru [110/13](#).

³ Regolament (UE, Euratom) Nru 741/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Awwissu 2012, li jemenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Anness I tiegħu.